MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1000/2004

**Schembri Import and Export Limited**
**vs**
**Ramon Abdilla**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju, 2004, fejn intqal :**
**Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' mitejn u sebgha u tletin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm237.44) liema somma tirraprezenta prezz ta' minerali, juices u crisps mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut ;**
**Illi l-konvenut gie nterpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.**
**Ghalhekk talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' mitejn u sebgha u tletin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm237.44) dovuta kif fuq spjegat, u dan prevja d-**

**dikjarazzjoni li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici kif hawn fuq indikat.**
**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-27 ta' Ottubru, 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fis-17 ta' Frar, 2005 li biha it-talba giet ridotta ghall-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00)**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-17 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati. .**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici kif ridotta, jiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont imsemmi ta' tmenin lira Maltin, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma msemmija ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00) bl-imghax legali mil-21 ta' Mejju, 2004.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-27 ta' Ottubru, 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------